Rotta 2

**IR-RABA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (Ġenerali) Il-Ħin: Siegħa u nofs**

**L-Isem: ______________________ Il-Klassi: ____________**

**Din il-karta fiha SITT taqsimiet (A, B, C, D, E u F). L-istudenti huma mitluba jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA u jaqraw sew l-istruzzjonijiet għal kull taqsima. L-istudenti għandhom jiktbu t-tweġiba ta' Taqsima F fuq karta separata.**

**Taqsima A: Agħżel it-tweġiba tiegħek mill-kliem li ġej**.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| simetrika | konsumatur | *peer group* | nazzjonali | l-Università |
| stratifikazzjoni | tradizzjonali | pressjoni | primarju | is-soċjalizzazzjoni |
| ix-xogħol | kunflitt | interess | kultura | Kulleġġi |

1. Is-settur ____________________ tal-ekonomija jinkludi x-xogħol tal-biedja.
2. Persuna li tixtri prodott jew servizz tissejjaħ ____________________.
3. ____________________ hu importanti biex persuna taqla' l-għajxien tagħha.
4. F'familja ____________________ ix-xogħol u r-responsabbiltajiet jinqasmu ndaqs bejn il-membri adulti.
5. Bħalissa, is-sistema edukattiva Maltija għaddejja minn riformi importanti biex l-iskejjel tal-Istat jingħaqdu kollha f'għaxar ____________________.
6. ____________________ tifforma parti mill-edukazzjoni terzjarja.
7. It-tqassim ta' poplu fi klassijiet soċjali jissejjaħ ____________________ soċjali.
8. L-identità ____________________ tagħmel pajjiż uniku mill-oħrajn kollha.
9. Grupp ta' persuni tal-istess età li jinfluwenzaw lil xulxin jissejjaħ ____________________.
10. ____________________ hi proċess kontinwu li permezz tiegħu persuna tikseb identità personali u titgħallem in-normi, il-valuri, l-imġiba, u l-ħiliet soċjali xierqa għas-soċjetà.
11. Gruppi li jingħaqdu biex imexxu 'l quddiem xi ideat jew ibiddlu xi liġi jissejħu gruppi ta' ____________________.
12. Persuni li jkollhom l-istess delizzji jistgħu jiffurmaw grupp ta' ____________________.
13. Nuqqas ta' qbil jissejjaħ ____________________.
14. Familja ____________________ hija waħda li normalment kien ikollha ħafna tfal.
15. Il-lingwa, it-tradizzjonijiet u l-festi huma parti mill-____________________ ta' pajjiż.

**(15-il marka)**

**Taqsima B: Agħżel u mmarka t-tweġiba t-tajba.**

1. **Mobbiltà soċjali tfisser**
   a) l-użu tal-mowbajls fis-soċjetà
   b) iċ-ċaqliq minn klassi soċjali għall-oħra
   c) it-tagħlim dwar l-imġiba fis-soċjetà

2. **F'soċjetà multikulturali jkun hemm**
   a) kulturi differenti
   b) kultura waħda biss
   c) kultura fejn persuni jingħataw ħafna multi

3. **Is-soċjalizzazzjoni primarja tinkludi t-tagħlim li jingħata**
   a) mill-ġenituri
   b) mill-iskola
   c) mill-Knisja

4. **Normi huma**
   a) il-liġijiet miktuba fil-Kostituzzjoni
   b) ir-regoli mhux miktuba li jħarsu l-imġiba fis-soċjetà
   c) id-drittijiet u d-dmirijiet

5. **Valuri soċjali huma**
   a) il-prezz ta' prodott partikolari
   b) ligijiet mhux miktuba li jħarsu l-imġiba taċ-ċittadini
   c) sett ta' prinċipji li s-soċjetà tqis bħala xierqa

6. **Familja nukleari hija magħmula**
   a) minn raġel, mara u wliedhom
   b) min-nanniet, mill-ġenituri u mill-ulied
   c) mill-ġenituri u l-ulied, bin-nanniet jgħixu fil-qrib

7. **Il-Membri Parlamentari jintgħażlu mill-**
   a) President ta' Malta
   b) kunsilliera waqt seduta speċjali
   c) poplu f'elezzjoni ġenerali

8. **F'demokrazija d-dritt tal-vot jingħata**
   a) lin-nisa biss
   b) lill-irġiel biss
   c) liċ-ċittadini kollha

9. **Ir-reliġjon**
   a) tgħinna niġġieldu għall-unur tagħna
   b) tagħtina appoġġ u sens ta' identità
   c) tħeġġiġna nsiru egoisti

10. **It-tagħlim tul il-ħajja jingħata**
   a) mill-primarja sal-aħħar tal-iskola sekondarja
   b) fl-edukazzjoni terzjarja
   c) anke wara li persuna ttemm l-edukazzjoni obbligatorja

**(10 marki)**

**Taqsima C: Għid jekk hux VERU jew FALZ u għid għaliex.**

1. Is-sistema politika ta' Malta hi waħda totalitarja. **VERU / FALZ**

Għaliex? ____________________________________________

2. L-ugwaljanza fis-soċjetà tfisser li kull ċittadin għandu l-istess drittijiet u dmirijiet. **VERU / FALZ**

Għaliex? ____________________________________________

3. Il-kunsill lokali jitmexxa mill-President. **VERU / FALZ**

Għaliex? ____________________________________________

4. Familja estiża modifikata hi magħmula minn raġel u mara biss. **VERU / FALZ**

Għaliex? ____________________________________________

5. Kull bniedem huwa ħlejqa soċjali. **VERU / FALZ**

Għaliex? ____________________________________________

**(10 marki)**

**Taqsima D**: **Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

"Mitt bniedem, mitt fehma", jgħid il-qawl Malti. Din hi proprju waħda mir-raġunijiet għaliex jinqalgħu l-kunflitti fil-gruppi u bejn il-gruppi. Meta fil-grupp ikun hemm fehmiet differenti, il-membri tiegħu jibdew jikkompetu bejniethom biex jasserixxu ruħhom. B'dan il-mod rajna gruppi li nqasmu u oħrajn ġodda li nħolqu. Meta jinqala' t-tilwim fil-grupp, huwa importanti li l-membri tiegħu jippruvaw jifhmu aktar lil xulxin u jaċċettaw id-differenzi ta' bejniethom. Il-kunflitti jinqalgħu wkoll bejn gruppi b'interess partikolari minħabba l-ideat differenti tagħhom.

**Mistoqsijiet**

1. Sib kelma mis-silta t'hawn fuq li tfisser **kunflitt**.

   ____________________________________________ (1)

2. Semmi raġuni għaliex ir-relazzjonijiet fi grupp jistgħu jintemmu.

   ____________________________________________

   ____________________________________________ (2)

3. "L-ebda bniedem mhu gżira". Spjega din il-frażi billi tagħti **ŻEWĠ** eżempji mill-ħajja tagħna ta' kuljum.

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________ (4)

4. Meta jikbru, it-tfal jibdew jattendu fi gruppi differenti. Semmi **ŻEWĠ** gruppi li kont tattendi fihom meta kont għadek żgħir/a u **TNEJN** oħra li int involut/a fihom illum.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________ (4)

5. Ċerti gruppi jkunu f'kunflitt bejniethom minħabba l-interess partikolari tagħhom. Semmi **ŻEWĠ** gruppi bħal dawn.

______________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________ (2)

6. Ilkoll għandna rwoli differenti x'naqdu fis-soċjetà. Semmi **TLIET** rwoli li għandek int bħala ċittadin.

______________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________ (3)

7. Fil-grupp ikun hemm diversi normi li, jekk jinkisru, jista' jinqala' l-għawġ. Semmi **ERBA'** normi li jeżistu fis-soċjetà Maltija.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________ (4)

8. L-influwenza tal-*peer group* tista' twassal għal imġiba pożittiva jew negattiva. Agħti **ŻEWĠ** eżempji kif il-*peer group* jista' jwassal għall-imġiba tajba jew ħażina fost il-membri tiegħu.

______________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________ (2)

9. Ċerti gruppi jagħżlu li ma jkunux konformi mal-bqija tas-soċjetà. Spjega dan billi tagħti **TLIET** eżempji.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________ (3)

**(25 marka)**

**Taqsima E: Wieġeb ERBGĦA minn dawn il-mistoqsijiet li ġejjin fid-dettall.**

1. Agħti **ĦAMES** raġunijiet għaliex pajjiż ikollu Kostituzzjoni.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (5)

2. Semmi **ĦAMES** bidliet li seħħew fil-familja f'dawn l-aħħar snin.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (5)

3. Uri d-differenza bejn **relazzjoni funzjonali** u **relazzjoni emozzjonali**. Agħżel **WAĦDA** minn dawn ir-relazzjonijiet u agħti **TLIET** eżempji tagħha.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (5)

4. F'kull soċjetà jkun hemm kunflitti. Semmi **ĦAMES** raġunijiet għaliex il-kunflitti jseħħu.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (5)

5. F'Malta l-kunsilli lokali wasslu għad-deċentralizzazzjoni tal-poter. Semmi **TLIET** karigi ta' responsabbiltà li ssib f'kull kunsill lokali u agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' ħidmiet li normalment jitwettqu mill-kunsilli lokali.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (5)

**(20 marka)**

**Taqsima F: Agħżel WIEĦED minn dawn it-temi u ikteb madwar 180-200 kelma dwaru fuq karta separata.**

1. L-edukazzjoni hija proċess tul il-ħajja. Iddiskuti dan b'referenza għall-edukazzjoni formali u informali.

2. Ir-reliġjon ma tfissirx biss il-festa tar-raħal. Iddiskuti x'inhuma l-funzjonijiet ewlenin tar-reliġjon fis-soċjetà.

3. L-identità nazzjonali tista' tinbidel maż-żmien. Iddiskuti dan b'referenza għat-tibdiliet li seħħew fis-soċjetà Maltija f'dawn l-aħħar ħamsin sena.

4. Is-soċjalizzazzjoni hi waħda mill-proċessi ewlenin tal-ħajja tagħna. Iddiskuti din is-sentenza u agħti eżempji biex issaħħaħ l-argumenti tiegħek.

**(20 marka)**

**Total: 100 marka**